MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 249/1998/2

**Joseph C. Grech**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontoll ta' l-Izvilupp**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment dwar ir-rikors tar-ritrattand Joseph C. Grech tal-25 ta' Awissu, 2004. F'dak ir-rikors l-imsemmi Grech talab, fost affarijiet ohra, li din il-Qorti tikkonsidra l-posizzjoni taghha – fis-sens li tikkunsidra jekk ghandhiex tkun din il-Qorti kif komposta li tghaddi ghas-

sentenza f'din il-kawza ta' ritrattazzjoni – u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet "Case of San Leonard Band Club v. Malta" deciza fid-29 ta' Lulju, 2004. Il-kontro-parti (Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp) oggezzjonat ghal xi forma ta' astensjoni da parti tal-gudikanti formanti din il-Qorti u irriferiet in partikolari ghall-Artikolu 739 tal-Kap. 12.

2. Il-Qorti tosserva li huwa veru li f'din il-kawza u fil-bidu tal-proceduri ir-ritrattand ma issolleva ebda eccezzjoni ta' rikuza – u proprjament anqas qed jissolleva tali eccezzjoni permezz tar-rikors imsemmi – u anqas ma l-Qorti accennat ghal xi possibilita` ta' astensjoni. Evidentement dan kien dovut ghax iz-zewg partijiet f'dan il-kaz, kif ukoll din il-Qorti, kienu qed jimxu fuq il-prassi u l-gurisprudenza kif kienu fil-bidu tat-trattazzjoni ta' din il-kawza u sad-data meta l-kawza thalliet ghas-sentenza (il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-24 ta' Settembru, 2004 fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2004)[1]

3. Minn dak iz-zmien, pero`, apparti s-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti Kostituzzjonali ippronunzjat ruhha b'mod car dwar kif, bhala regola, Qorti ghandha tipprocedi fil-kaz ta' ritrattazzjoni, u dan fis-sentenza ta' l-imsemmija Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Otturbu, 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Arcidiacono Limited v. Avukat Generali et".

4. <u>Fid-dawl ta' din is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali taghna</u>, u galadarba r-rikors ghar-ritrattazzjoni hu msejjes fuq il-paragrafu (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 u ma hemmx il-kunsens tal-partijiet kif imfisser fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 735 tal-Kap. 12 (anzi, bir-rikors tal-25 ta' Awissu, 2004 hemm talba implicita biex din il-Qorti <u>kif komposta</u> ma tipprocedix ghas-sentenza), din il-Qorti hi tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja ghandha tieqaf milli tkompli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza.

---

[1] Il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2004.

5. Konsegwentement, din il-Qorti kif komposta qed tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza, u tiddiferixxi l-istess ghal nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar, 2005 fin-nofs siegha sabiex tigi trattata mill-gdid u eventwalment deciza minn din il-Qorti differentement komposta. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------